MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 301/1999/1

**Newco Steel Ltd.**

**Vs**

**Medcast Foundry Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Newco Steel Ltd. fl-24 ta' Frar 1999 permezz ta' liema titlob li s-socjetà Medcast Foundry Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hames mija u seba' Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm507.15), illum ekwivalenti ghal €1,181.34, bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' xibka debitament minnha kkonsenjata lis-socjetà konvenuta, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 8 ta' Awwissu 1997, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat l-ittra ta' l-Avukat Dottor Mark Busuttil datata 8 ta' Awwissu 1997 annessa ma' l-Avviz a fol. 2 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi (i) preliminarjament in-nullità tal-proceduri stante li ma tezisti l-ebda socjetà bl-isem Medcast Limited; u (ii) fil-meritu, illi s-somma pretiza ma hijiex dovuta stante li l-ammont dovut huwa ta' Lm322.65, illum ekwivalenti ghal €751.57;

Rat id-Digriet datat 21 ta' Marzu 2000 li bih giet awtorizzata korrezzjoni f'isem is-socjetà konvenuta fis-sens illi bejn il-kelma "Medcast" u l-kelma "Ltd." tizdied il-kelma "Foundry" b'dana li isem is-socjetà konvenuta jigi jaqra "Medcast Foundry Ltd.";

Semghet ix-xhieda ta' Richard Attard, Direttur tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Lulju 2000[1] u tat-12 ta' Lulju 2012[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduti a fol. 15 u 16 tal-process u a fol. 90 tal-process[3];

Rat li s-socjetà konvenuta ghalkemm notifikata bl-Avviz tar-Riappuntament naqset milli tidher ghas-seduti mizmuma mill-Qorti u ma ressqitx provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat illi waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012 l-istadju tal-provi tas-socjetà konvenuta gie dikjarat maghluq u li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-istess data tad-9 ta' Ottubru 2012;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici jirrizulta li bil-proceduri odjerni l-imsemmija socjetà titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm507.15, illum ekwivalenti ghal €1,181.34, bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' hadid mibjugh u

---

[1] Fol. 12 sa' 14 tal-process.
[2] Fol. 91 u 92 tal-process.
[3] Dok. "RA1".

konsenjat lis-socjeà konvenuta u kiri lill-istess socjetà konvenuta ta’ truck bil-*high-up* ghal hdax-il gurnata u nofs, flimkien ma’ l-imghax legali dovut fuq tali bilanc. Is-socjetà konvenuta tilqa’ ghat-talba tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-proceduri huma nulli ghaliex ma tezisti l-ebda socjetà bl-isem Medcast Limited u bl-eccezzjoni fil-meritu li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut stante li l-ammont lilha dovut huwa ta’ Lm322.65, illum ekwivalenti ghal €751.57.

L-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta giet sorvolata bid-Digriet moghti fil-21 ta’ Marzu 2000[4] li bih giet awtorizzata l-korrezzjoni f’isem is-socjetà konvenuta fis-sens illi bejn il-kelma “Medcast” u l-kelma “Ltd.” zdiedet il-kelma “Foundry” b’dana li isimha issa gie jaqra “Medcast Foundry Ltd.”. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk jehtieg li tigi kkunsidrata t-talba attrici fid-dawl ta’ l-eccezzjoni fil-meritu sollevata mis-socjetà konvenuta.

Mill-eccezzjoni fil-meritu kif imressqa mis-socjetà konvenuta jirrizulta li l-istess socjetà mhux qed tikkontesta l-fatt *per* se li hija debitrici tas-socjetà attrici izda tikkontesta l-*quantum* tal-kreditu pretiz mis-socjetà attrici fil-konfront taghha. Filwaqt li s-socjetà attrici tippretendi hlas minghand is-socjetà konvenuta tas-somma ta’ Lm507.15, ekwivalenti ghal €1,81.34, is-socjetà konvenuta tikkontendi li l-ammont dovut lis-socjetà attrici huwa ta’ Lm322.65, illum ekwivalenti ghal €751.57.

F’dan ir-rigward Richard Attard, Direttur tas-socjetà attrici, xehed illi *s-socjetà konvenuta ordnaw hadid minghandna. In oltre kont krejtilhom truck bil-high-up. Ta’ dan kont bghattilhom kont u in rigward dan kont ircevejt Lm150 akkont. … Wara li kont bghatt il-kont, is-Sur Maurice Vassallo kien qalli ‘kif qed tnizzel l-interessi ukoll?’. Nixtieq nghid li meta saret il-konversazzjoni bejnietna, ahna konna già bghatna ittra bl-avukat lis-socjetà konvenuta. Ghalhekk, kont qed nippretendi l-interessi. Kemm-il darba kont mort ghand Maurice Vassallo biex ihallasna, però kien dejjem jghidli ‘issaportini’. L-uniku pagament kien il-*

[4] Fol. 9 tal-process.

*Lm150 li semmejt. Il-kuntratt kollu kien jiswa Lm507.15. Meta ftehmna fil-fatt il-prezz kollu tal-kuntratt kien Lm507.15. Ghalhekk l-ammont dovut illum huwa Lm507.15 naqqas Lm150*[5]*.* Richard Attard sostna dak minnu affermat waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2000 bid-dokumenti esebiti a fol. 15 u 16 tal-process ossia, il-fattura datata 30 ta' Mejju 1996 u l-*istatement of account* tas-socjetà konvenuta. Meta rega' xehed waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012, Richard Attard ikkonferma li *kien sar negozju mas-socjetà konvenuta fejn konna fil-fatt ikkonsenjajna ammont ta' hadid li kien ser jintuza ghal skopijiet ta' konkos u fil-fatt ukoll kiri ta' high-up ghal hdax-il gurnata. Biex inkun preciz, ghal perjodu ta' hdax-il gurnata u nofs. Qed nipprezenta fotokopja ta' invoice li ggib il-firma ta' wiehed mill-lavranti tas-socjetà konvenuta minn fejn jirrizulta dan in-negozju li ghadni kif semmejt*[6]*. L-ammont totali li qed nippretendi huwa ta' hames mija u seba' Liri Maltin u hmistax-il centezmu. Id-dokument qed jigi mmarkat bhala dokument RA1. Nghid ukoll illi minn din l-invoice lil hawn, is-socjetà konvenuta ma hallset xejn minn dan l-ammont ta' hames mija u seba' Liri u hmistax-il centezmu. Jiena nikkonferma li s-sitwazzjoni sal-lum ghadha l-istess, jigifieri li dan l-ammont ghadu dovut.*

Mix-xhieda ta' Richard Attard johrog car li l-pretensjoni tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta ma hijiex limitata ghall-bilanc dovut ghall-hadid mibjugh u konsenjat u ghat-truck bil-*high-up* mikri lila, izda tinkludi wkoll l-imghax legali li ddekorra u ghadu qed jiddekorri fuq tali bilanc. Fil-fehma tal-Qorti din il-pretensjoni tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta hija legittima fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena* (Art. 1139) u li *l-imghaxijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel*

[5] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2000, fol. 12 sa' 14 tal-process.
[6] Dok. "RA1" a fol. 90 tal-process.

*dan ghandhom jithallsu, minghajr ma jkun jinhtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf* (Art. 1140).

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk talba ghall-hlas ta' l-imghax legali hijiex gustifikata o meno, huwa principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li hawn *tqum il-kwistjoni ta' min ghandu jaghmel il-prova. F'dan ir-rigward jehtieg issir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur ta' l-obbligazzjoni. Il-kreditur ghandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur li tista' tikkonsisti anke f'semplici dewmien; ghandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-htija tad-debitur. Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneru li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija (causa estranea) li taghha huwa ma kienx responsabbli, jigifieri illi huwa ma kellux htija billi kien mexa bid-diligenza ta' 'bonus pater familias'… Jekk imbaghad id-debitur ma jasalx ghal din il-prova huwa jkun fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni, u f'kaz ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jikkonsistu fl-imghax*[7]*.*

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami s-socjetà attrici rnexxielha tipprova l-inadempjenza tas-socjetà konvenuta fis-sens illi l-istess socjetà naqset milli thallas il-bilanc minnha dovut. In verità n-nuqqas ta' hlas da parte tas-socjetà konvenuta jirrizulta kkonfermat mill-istess imsemmija socjetà li fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha ammettiet li ghadha debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' Lm322.65, illum ekwivalenti ghal €751.57. Apparte minnhekk is-socjetà konvenuta ma ressqet ebda prova li turi li s-socjetà attrici setghet b'xi mod irrinunzjat ghal jew gabet fix-xejn id-dritt taghha li tesigi l-hlas ta' l-imghax legali fuq il-bilanc dovut. Ghaldaqstant is-socjetà attrici hija gustifikata f'li tippretendi minghand is-socjetà konvenuta l-hlas ta' l-imghax legali fuq il-bilanc dovut.

Stabbilit dan il-punt però jehtieg issa jigi determinat jekk is-somma pretiza mis-socjetà attrici fl-ammont ta'

[7] Vincent Brincat v. Anna Caruana, Appell Nru. 832/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Gunju 2004.

Lm507.15, ekwivalenti ghal €1,181.34, rapprezentanti skond l-istess socjetà l-bilanc lilha dovut mis-socjetà konvenuta ghall-bejgh u konsenja ta’ hadid u kiri ta’ truck bil-*high-up* ghall-perijodu ta’ hdax-il gurnata u nofs, flimkien ma’ l-imghax legali li lahaq iddekorra sa’ l-24 ta’ Frar 1999, id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz, hijiex effettivament dovuta fl-intier taghha mill-istess socjetà konvenuta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 1141(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta *jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita*. Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta’ Richard Attard, jirrizulta li l-obbligazzjoni meritu tal-kontestazzjoni hija wahda ta’ natura kummercjali u ghaldaqstant l-imghax legali fuq il-bilanc dovut mis-socjetà konvenuta lis-socjetà attrici ghandu jigi kalkolat b’effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni – ossia l-hlas – kellha tigi esegwita. Kif gustament osservat mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Adrian Vella De Lucca v. Blue Med Travel Services Ltd., Appell Nru. 1794/99** deciza fl-20 ta’ Ottubru 2003, *ir-raguni ghaliex fuq debitu kummercjali likwidu u ezigibbli d-dekorrenza ta’ l-interessi hija “di pieno diritto” tinsab fil-fatt illi l-interessi jirrapprezentaw lukru li d-debitur jippercepixxi b’vantagg proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tieghu, li jista’ ugwalment jaghmel profit minn dawk l-interessi – Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon, Qorti Kummerc, 16 ta’ Frar 1954.*

Mill-fattura esebita minn Richard Attard a fol.15 tal-process u mill-gdid a fol. 90 tal-process u mill-*istatement of account* tas-socjetà konvenuta mas-socjetà attrici esebit a fol. 16 tal-process, jirrizulta li l-ammont totali dovut mis-socjetà konvenuta lis-socjetà attrici ghax-xiri u konsenja tal-hadid u kiri tat-truck bil-*high up* ghal hadx-il gurnata u nofs kien ta’ **Lm507.15** u dan l-ammont kellu jithallas fi zmien xahar; fuq il-fattura hemm indikat b’mod car *strictly monthly settlement*. Mis-somma ta’ Lm507.15 is-socjetà konvenuta hallset is-somma ta’ **Lm150** akkont

fil-31 ta’ Jannar 1997, b’dana li l-bilanc kien ta’ **Lm357.15**. Ladarba l-ammont dovut kellu jithallas fi zmien xahar mid-data tal-fattur mahruga fit-30 ta’ Mejju 1996, a tenur ta’ dak provdut fil-precitat Artikolu 1141(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta l-imghax legali fuq is-somma ta’ Lm507.15 beda jiddekorri mill-1 ta’ Lulju 1996 – fatt dan rikonoxxut mill-istess socjetà attrici kif jirrizulta mill-*istatement of account* esebit a fol. 16 tal-process.

Ai termini ta’ l-Artikolu 1169 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta *d-debitur ta’ somma ta’ flus li taghti imghaxijiet ma jistax, minghajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-hlas ghall-kapital, minflok ghall-imghaxijiet. Il-hlas ta’ parti mid-dejn maghmul akont ta’ kapitali u imghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom, imur l-ewwel ghall-imghaxijiet*. Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car ghalhekk li mis-somma ta’ Lm150 imhallsa akkont mis-socjetà konvenuta fil-31 ta’ Jannar 1997 kellu jinqata’ l-ewwel l-imghax legali li lahaq iddekorra fuq is-somma ta’ Lm507.15 sa’ dakinhar tal-hlas u l-bilanc imur kontra l-kapital.

L-imghax legali li lahaq iddekorra fuq is-somma ta’ Lm507.15 sal-31 ta’ Jannar 1997 kien jammonta ghal **Lm23.66** u ghalhekk fid-dawl ta’ dak appena osservat, bis-somma ta’ Lm150 thallset l-ewwel is-somma ta’ **Lm23.66** rapprezentanti l-imghax legali bir-rimanenti bilanc thallset is-somma ta’ **Lm126.34** mill-kapital. B’hekk il-bilanc dovut fil-31 ta’ Jannar 1997 kien jammonta ghal **Lm380.81** u l-imghax legali li lahaq iddekorra fuq tali bilanc sa’ l-24 ta’ Frar 1999, id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz, kien jammonta ghal **Lm62.84**. B’hekk is-somma li fl-24 ta’ Frar 1999 is-socjetà attrici legittimament setghet tippretendi minghand is-socjetà konvenuta bhala rapprezentanti l-bilanc dovut ghan-negozju konkluz bejniethom u l-imghax legali fuqu, kienet tammonta ghal **Lm443.65**.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dak kollu appena osservat u fid-dawl tal-fatt li s-socjetà konvenuta ma ressqet ebda prova biex tikkuntrasta jew iggib fix-xejn il-pretensjoni tas-socjetà attrici fil-konfront taghha, jirrizulta li t-talba attrici

ghall-hlas tal-bilanc dovut ghall-bejgh u konsenja ta' hadid u kiri ta' truck bil-*high-up* ghal hdax-il gurnata u nofs lis-socjetà konvenuta flimkien ma' l-imghax legali li lahaq iddekorra sa' l-24 ta' Frar 1999, tisthoqq li tigi milqugha izda dana limitatament ghas-somma ta' Lm443.65, ekwivalenti ghal **€1,033.43**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €1,033.43, ekwivalenti ghal Lm443.65, u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta' €1,033.43, bl-imghax legali ulterjuri fuq is-somma ta' €887.04, ekwivalenti ghal Lm380.81, dekoribbli mill-25 ta' Frar 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------